# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt


## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

**Laqgħa Numru 56/2022**

Data: L-Erbgħa 14 ta' Settembru, 2022

Ħin: 18:00hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Sur Pierre Dalli – Sindku<br>Sur Clayton Portelli Cascun – Viċi Sindku<br>Sur Charles Bonello – Kunsillier<br>Sna Toshera Schembri - Kunsilliera<br>Sur Mark Lombardo – Kunsillier |
| Skużati: | Sur Ray Deguara – Kunsillier<br>Dr Ryan Ellul – Kunsillier<br>Sur Mario Fava – Kunsillier |
| Assenti : | Sur Adrian Tanti - Kunsillier |
| | Ritianne Bonnici –Deputat Segretarju Eżekuttiv |

## AĠENDA

**56.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA**

**56.2 MINUTI**

**56.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI**

**56.4 PURCHASE REQUEST FORMS**

**56.5 ĦLASIJIET**

**56.6 FINANZI**

**56.7 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI**

**56.8 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI**

**56.9 JUM IL-FGURA**

**56.10 KORRISPONDENZA**

**56.11 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

**56.12 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI**

**56.13 TRAFFIC MANAGEMENT**

**56.14 STAFF**

**56.15 MOZZJONIJIET**

**56.16 PLANNING AUTHORITY**

**56.17 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL**

**56.18 MISTOQSIJIET**

**56.19 AĠĠORNAMENT**

---

Is-Sindku radd is-salib u qal talba.

## 56.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**56.1.1** Kien hemm tliet talbiet ta' apoloġija dik tal-Kuns. R Deguara, tal-Kuns R Ellul u Kuns M Fava.

Il-membri tal-kamra approvaw dawn it-talbiet ta' apoloġija.

## 56.2 MINUTI

**56.2.1** Il-Kuns C Bonello ġibed l-attenzjoni li l-Minuti 53/2022 Kuns R Deguara u Kuns M Fava kienu mniżżlin bħala assenti iżda taħt item 'Talbiet

ta' Apoloġija" kienu ġew imniżżla bħala skuzati. Il-Kuns C Bonello ġibed l-attenzjoni wkoll biex jitranġa item 53.17.4 fejn l-imsemmi Kunsillier ma kellu l-ebda laqgħa ma' Ministru iżda kellha taqra ma' tal-irħam. Dwar dawn iż-żewġ punti saru arrangamenti fil-minuti.

**56.2.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6235/22/8** "Sabiex jiġu approvati l-minuti tal-laqgħa 53/2022 bid-data tat- 3 ta' Awwissu 2022"

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**56.2.3**Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6236/22/8** "Sabiex jiġu approvati l-minuti tal-laqgħa b'urġenza 55/2022 bid-data tal-1 ta' Settembru 2022"

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 56.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**56.3.1** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li fir-rigward tal-attivita' tal-mobility week kif ukoll il-Car Free Day dawn mhux se jiġu mtellgħa hekk kif l-applikazzjoni ma ġietx sottomessa.

## 56.4 PURCHASE REQUEST FORMS

**56.4.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref:**6237/22/8** "sabiex jiġu approvati PRFPO għal-laqgħa tal-kunsill ta' Settembru 2022 kif inhu anness" (Ara DOK 'A' anness).

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 56.5 ĦLASIJIET

**56.5.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6238/22/8** "Riżoluzzjoni: B'referenza għall-mozzjoni **6167/22/8**, dan il-Kunsill għandu joħroġ il-pagament lill-Perit William Lewis wara kuntatti li kellna f'dawn l-aħħar jiem, fejn sibna li l-emails li kienu ntbagħtu baqgħu ma waslux meta min-naħa tal-kunsill kien qed nagħmlu l-qalba mil-PC generation għall-MITA"

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

Dwar din il-mozzjoni il-Kuns C Bonello ssuġġerixxa li meta tintbagħat imejl ripetutament lill-istess persuna u tali persuna qatt ma twieġeb, il-korrispondenza għandha tiġi stampata u jintbagħat ħaddiem assenjat mal-Kunsill sabiex iwassal tali korrispondenza lill-persuna kkonċernata u b'hekk il-kunsill jassigura ruħu li l-messaġġ ikun wasal.

**56.5.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6239/22/8** "sabiex jiġu approvati ħlasijiet minn 3/8/2022 sa 5/9/2022 kif inhu anness". (Ara DOK 'B' anness).

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 56.6 FINANZI

**56.6.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 56.7 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

**56.7.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6240/22/8** "sabiex dan il-Kunsill japplika għan-Norwegian Funds u għandhom jinxtraw 20 bin bis-separator bħalma preżentament hemm fil-main road biex inżiedu l-bins fil-lokalita'"

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**56.7.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6241/22/8** "sabiex jerġgħu jiġu nstallati l-bollards fejn l-Iskola Primarja tal-Fgura kemm minn Triq is-Sur kif ukoll minn Triq il-Karmnu ħabba s-sigurta' tal-istudenti matul il-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ mill-istess skola"

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 56.8 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

**56.8.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 56.9 JUM IL-FGURA

**56.9.1** Is-Sindku stieden lill-Kuns M Lombardo sabiex jgħaddi l-kummenti tiegħu dwar Jum il-Fgura. Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6242/22/8** "Dan il-kunsill jalloka s-somma ta' elfejn ewro għall-ispejjeż relatati mal-organizzazzjoni tal-attivitajiet ta' Jum il-Fgura li l-programm sħiħ tagħhom huwa anness ma' din il-mozzjoni"

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**56.9.2** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6243/22/8** "Dan il-kunsill jalloka s-somma finanzjarja ta' erbat elef ewro għall-Kunċert Klassiku li se jsir nhar il-Ġimgħa 28 ta' Ottubru 2022"

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**56.9.3** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6244/22/8** "Dan il-kunsill jaqbel li jagħti rikonoxximent lill-individwi fil-lista annessa" Hawnhekk il-Kuns M Lombardo qara l-ismijiet u ntroduzzjoni qasira fuq kull individwu mniżżel fil-lista. Fil-lista fost id-diversi ismijiet kien hemm imniżżel il-Kuns C Bonello u hawnhekk il-Kuns C Bonello kien se joħroġ mill-kamra, iżda bi qbil bejn il-membri preżenti baqa' fil-kamra sabiex ikun hemm quorum. Il-Kuns C Bonello ppropona li għandu jingħata Ħajr il-Fgura lis-Sur O Cassar li serva ta' President tal-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu Fgura għal bosta snin, iżda l-Kuns M Lombardo se jkun qed iżommu f'moħħu għas-sena d-dieħla. Barra minn hekk informa lill-membri tal-kamra li huwa se jkun qed jirrifjuta l-medalja ta' Ħajr il-Fgura għax bħalma kien hu stess li qajjem l-argument meta kien ingħata l-istess medalja l-Kuns M Lombardo għall-istess raġuni huwa se jkun qed jirrifjutaha. Is-Sindku talab lill-Kuns C Bonello jagħti r-raġunijiet tiegħu dwar dan ir-rifjut. Il-Kuns C Bonello wieġeb billi qal li kunsillier li jkun ilu 25 sena jagħti servizz lil-lokalita' ma jista' qatt jiġi pparagunat jew impoġġi fl-istess livell ta' persuna li għamlet suċċess għaliha nnifisha u ġabet unur lejn il-lokalita'. Dan huwa l-prinċipju tal-Kuns C Bonello u nforma lill-membri li se jżomm ma' dak li jemmen. Il-Kuns M Lombardo qal li meta huwa stess kien ġie mgħoti Ħajr il-Fgura aċċetta għax finalment il-persuni li jingħatalhom dan l-unur huma varji.

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 56.10 KORRISPONDENZA

**56.10.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 56.11 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**56.11.1** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li fi Pjazza Patri Redent Gauci ċioe' l-bandli, hemm bżonn li jiżdied id-dawl u għaldaqstant ressaq mozzjoni ref: **6245/22/8** "sabiex tiġi rranġata l-ħsara li hemm fi 8 rifletturi ġewwa Pjazza Patri Redent Gauci għal ispiża ta' mhux iżjed minn €1,100"

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**56.11.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6246/22/8** "sabiex dan il-kunsill jerġgħa japplika biex isiru l-korsijiet b'xejn 'Għaqal id-dar, ħajja aħjar fil-lokalitajiet tagħkom"

Din kienet sekondata mill-Kuns T Schembri

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**56.11.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6247/22/8** "sabiex dan il-kunsill jipparteċipa fil-programm Illum ma' Steph għal spiża ta' €220"

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**56.11.4** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li se jkun qed jaqra mozzjoni li għaddielu l-Kuns R Deguara. Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6248/22/8** "sabiex fil-ġimgħa tal-Fgura Week 2022 (Jum il-Fgura) tiġi organizzata ħarġa għall-anzjani u qabel, jiġu mistiedna fiċ-ċentru ċiviku tal-Fgura għal Kafe / Te għal spiża ta' mhux iktar minn €500 li tinkludi transport u żewġ momentos bħala tifkira ta' fejn se nżuru. Il-ġurnata se tkun l-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2022"

Din kienet sekondata mill-Kuns T Schembri

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**56.11.5** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6249/22/8** "sabiex nhar it-Tlieta 13 ta' Diċembru 2022 issir il-ħarġa tal-Milied għal Għawdex bi spiża ta' mhux iktar minn 500 Ewro"

Din kienet sekondata mill-Kuns T Schembri

Il-mozzjoni għaddiet nem con

## 56.12 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

**56.12.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 56.13 TRAFFIC MANAGEMENT

**56.13.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6250/22/8** "sabiex tiġi nstallata sleeping police fi Triq il-Kampanella kantuniera ma' Triq ir-Riħan biex jiġu evitati l-bosta inċidenti li qed isiru"

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

## 56.14 STAFF

**56.14.1** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li rigward is-sejħa tas-Segretarju Eżekuttiv il-Kunsill qed jistenna l-approvazzjoni tad-Dipartiment sabiex terġgħa tinħareġ is-sejħa għal din il-pożizzjoni. Rigward is-sejħa ta' Assistent Prinċipal il-Kunsill irċieva mingħand is-Sur M Dalli mpjegat tal-istess Kunsill li preżentament jokkupa l-kariga ta' Skrivan, fejn ta spjega li l-affarijiet personali li kellu li kienu qed iżommuh biex jattendi għall-intervista ġew riżolti u jinsab f'pożizzjoni ferm aħjar biex jerġgħa japplika għal din il-kariga. Rigward is-sejħa għall-Uffiċjal Eżekuttiv informa lill-membri preżenti li saru l-intervisti u se tkun qed titressaq mozzjoni dwar dan. Rigward is-sejħa għal skrivan din is-sejħa tinsab miftuħa għall-pubbliku ngenerali u se tagħlaq fit-23 ta' Settembru 2022.

**53.14.2** Is-Sindku bi qbil mal-membri tal-kamra ressaq mozzjoni ref: **6251/22/8** "Dan il-kunsill għandu jagħmel l-intervisti għal sejħa ta' Skala 11 u 15. Id-data hija l-Erbgħa 28 ta' Settembru fil-17:30"

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**56.14.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6252/22/8** "B'referenza għall-vakanza ta' Uffiċjal Eżekutttiv fi Skala 13 għandha tintgħażel is-Sinjorina Nasim Al-Aswad biex timla dan il-post"

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

## 56.15 MOZZJONIJIET

**56.15.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 56.16 PLANNING AUTHORITY

**56.16.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 56.17 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**56.17.1** Il-Kuns C Bonello qal li rigward il-bażi tal-way marker se jibda x-xogħol għada, ċioe' l-Ħamis 15 ta' Settembru 2022. Filwaqt li rigward in-niċċa tal-Madonna tal-Grazzja fejn tali skema ġiet approvata, l-kunsill għadu qed jistenna kif se jkun qed jiproċedi

**56.17.2** Il-Kuns C Bonello nforma lill-membri tal-kamra li rigward l-arblu ta' Triq il-Karmnu għad irid jiltaqa' ma' tal-irħam sabiex jiġi magħluq dan il-proġett.

**56.17.3** Il-Kuns C Bonello nforma lill-membri tal-kamra li rigward il-Wirja li ser tittellgħa mill-artisti Camilleri Cauchi, saru diversi tentattivi sabiex jiġi kkuntattjat Chev Aaron Camilleri Cauchi iżda bla ebda risposta. Dwar din il-Wirja s-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li tkellem mas-Sur M Coleiro minn Heritage Malta fejn aċċetta li jkun il-kuratur tal-wirja u li min-naħa tiegħu għadda l-qisien tal-vettrini li kienu ġew mitluba minn Chev Aaaron Camilleri Cauchi u qed jistenna risposta min-naħa tiegħu. Il-Kuns C Bonello reġgħa fakkar li din il-wirja se tkun qed tittellgħa għal xahar sħiħ mill-15 ta' Ottubru 2022. Hawnhekk informa lill-membri tal-kamra li din il-wirja ma tistax titniżżel bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum il-Fgura hekk kif l-iskema tiprojbixxi dan u l-kunsill jitlef il-finanzjament għal din il-wirja. Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **6253/22/8** "sabiex tiġi allokata s-somma ta' 5,000Ewro għall-wirja ta' Camilleri Cauchi li se tiġi nnawgurata fil-15 ta' Ottubru 2022"

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**56.17.4** Il-Kuns C Bonello nforma lill-membri tal-kamra li rigward ix-xogħolijiet relatati mat-tindif tax-Xelter kellu jieqaf minħabba likwidu li qed inixxi kontinwament. Il-Kunsill kellu laqgħa mal-perit tal-istess Kunsill fejn issuġġerixxa li jittieħdu kampjuni tal-likwidu li qed inixxi sabiex jiġi ddentifikat jekk hux ilma ġieri jew drenaġġ. Is-Sanita ġew ikkuntattjati u qed nistennew risposta min-naħa tagħhom.

**56.17.5** Il-Kuns C Bonello nforma lill-membri tal-kamra li ċ-ċerimonja tal-bdil tal-isem ta’ Triq Patri Mawrizju se ssir fit-30 ta’ Settembru u l-preparamenti għaddejjin.

**56.17.6** Il-Kuns C Bonello nforma lill-membri tal-kamra li rigward il-bdil tal-isem ta’ Triq San Titu Brandsma ġew ordnati t-tabelli tat-toroq u l-kunsill qed jistenna li jaslu biex ikunu jistgħu jitwaħħlu

**56.17.7** Il-Kuns C Bonello nforma lill-membri li rigward Triq Madre Tereża ta’ Kalkutta, l-proċess għaddej iżda l-kunsill għad ma rċiviex l-approvazzjoni.

**56.17.8** Il-Kuns C Bonello nforma lill-membri tal-kamra li se tkun qed tittellgħa l-inizjattiva tat-tpinġijiet tal-Milied u għaldaqstant ressaq mozzjoni ref: **6254/22/8** “sabiex issir inizjattiva għat-tfal 'Pinġi għall-Milied 2022' a spiża ta' 1,000Ewro”

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**56.17.9** Il-Kuns C Bonello nforma lill-membri tal-kamra li l-kunċert tal-Milied din is-sena se jerġgħa jsir u se jkun qed jibda l-preparamenti f’Ottubru”

## 56.18 MISTOQSIJIET

**56.18.1** Ma tqajjem l-ebda punt f’dan ir-rigward.

## 56.19 AĠĠORNAMENT

**56.19.1** Il-laqgħa ntemmet fis-18:50hrs.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 12 ta’ Ottubru, 2022 fis-18:00hrs.

# KUNSILL LOKALI FGURA

| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
|---|---|
| Is-Sur Pierre Dalli<br>Sindku | Is-Sinjura Ritianne Bonnici<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Data: 14 ta' Settembru, 2022